KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fit-28 ta' Mejju 2020 [1]

Kawża C-556/19

Société Eco TLC
vs
Ministre de la Transition écologique et solidaire,
fil-preżenza ta':
La Fédération des entreprises du recyclage

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Responsabbiltà estiża tal-produtturi – Organu ekoloġiku awtorizzat mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand negozjanti ta' ċerti prodotti sabiex jissodisfa f'isimhom l-obbligu legali tagħhom li jittrattaw l-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti – Għajnuna finanzjarja mħallsa mill-organu ekoloġiku lill-operaturi li jqassmu l-iskart li jagħmlu l-ftehim miegħu – Kunċett ta' 'riżorsi tal-Istat' – Kontribuzzjonijiet obbligatorji – Kontroll pubbliku tar-riżorsi – Eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta bejn il-vantaġġ u tnaqqis, tal-inqas potenzjali, tal-baġit tal-Istat"

1. Il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbilit fi Franza għall-immaniġġar tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti tessili, mill-bjankerija tad-dar u miż-żraben (iktar 'il quddiem il-"prodotti TBŻ") waqqaf sistema ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE?

2. Din hija, essenzjalment, il-mistoqsija li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) fit-talba għal deċiżjoni preliminari li hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet.

3. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tiltaqa' għall-ewwel darba mal-kwistjoni tal-interrelazzjoni bejn, minn naħa, ir-regoli fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat u, min-naħa l-oħra, is-sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, introdotta fid-dritt tal-Unjoni bid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi [2].

4. Espressjoni tal-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", prinċipju fundamentali fil-qasam tal-ambjent stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, is-sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tikkostitwixxi l-bażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam ta' mmaniġġar ta' skart. Din is-sistema tinvolvi sensiela ta' miżuri meħuda sabiex jiġi aċċertat li l-produtturi ta' prodotti jassumu r-responsabbiltà finanzjarja u,

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU 2008, L 312, p. 3. Din id-direttiva ġiet emendata diversi drabi, l-aħħar darba mid-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU 2018, L 150, p. 109).

eventwalment, organizzattiva tal-immaniġġar tal-fażi "skart" taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott[3]. Hija tikkostitwixxi wieħed mill-mezzi sabiex jgħinu lill-Unjoni Ewropea tersaq eqreb lejn "kumpannija riċiklanti" intiża sabiex tiġi evitata l-produzzjoni ta' skart u sabiex tużah bħala riżorsi[4], fil-perspettiva tal-ħolqien ta' ekonomija ċirkulari[5].

5. F'din il-kawża, fost is-sistemi differenti ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbilita fi Franza[6], dik li tikkonċerna l-prodotti TBŻ hija kkontestata mill-perspettiva tal-kompatibbiltà tagħha mar-regoli tal-Unjoni fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat. Il-kumpannija Eco TLC, l-uniku organu ekoloġiku awtorizzat fi Franza sabiex jissodisfa f'isem il-produtturi ta' prodotti TBŻ l-obbligu legali impost fuqhom li jittrattaw l-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti, ressqet quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) rikors għall-annullament kontra Digriet Ministerjali tal-2017 li emenda l-ammont ta' għajnuna li dik il-kumpannija għandha tħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart li ffirmaw ftehim magħha. Eco TLC sostniet li dik is-sistema ta' responsabbiltà estiża tistabbilixxi miżura li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant mitluba sabiex tevalwa l-kompatibbiltà ta' din is-sistema mal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni li toħloq l-ikbar problemi tikkonċerna l-eventwali kwalifika bħala "riżorsi tal-Istat" tal-fondi mħallsa lill-operaturi li jqassmu l-iskart fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni. Għalhekk din il-kawża ser tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkjarifika iktar il-ġurisprudenza tagħha dwar il-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat".

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

7. L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/98/KE, intitolat "Responsabbiltà estiża tal-produttur", jipprevedi li "[s]abiex jissaħħu l-użu mill-ġdid u l-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u rkupru ieħor ta' l-iskart, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi biex jiżguraw li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li professjonalment tiżviluppa, timmanifattura, tipproċessa, tittratta, tbigħ jew timporta prodotti (produttur tal-prodott) ikollha responsabbiltà estiża tal-produttur".

8. L-Artikolu 8a tal-istess direttiva, introdott bid-Direttiva (UE) 2018/851, u intitolat "Rekwiżiti ġenerali minimi għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur", jipprevedi, fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tiegħu li l-Istati Membri għandhom "jiddefinixxu biċ-ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi kollha rilevanti involuti, inklużi, l-produtturi ta' prodotti li jqiegħdu prodotti fis-suq tal-Istat Membru, l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligu tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isimhom, l-operaturi privati jew pubbliċi tal-iskart, l-awtoritajiet lokali, u fejn xieraq, l-operaturi ta' użu mill-ġdid u ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali".

3 Premessa 14 tad-Direttiva 2018/851.

4 Premessa 28 tad-Direttiva 2008/98.

5 F'Marzu 2020 il-Kummissjoni Ewropea adottat pjan ta' azzjoni ġdid għal ekonomija ċirkulari, li jikkostitwixxi wieħed mill-elementi prinċipali ta' "Patt Ekoloġiku Ewropew" (European Green Deal), il-programm ġdid ta' żvilupp sostenibbli tal-Ewropa [ara COM(2020) 98 final]. F'dan il-kuntest is-sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tissemma bħala waħda mill-miżuri intiżi sabiex titnaqqas b'mod sinjifikattiv il-produzzjoni totali tal-iskart.

6 Fi Franza, illum jeżistu madwar għoxrin sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, maħluqa progressivament mil-liġi f'setturi differenti, bħall-imballaġġ, il-batteriji, il-karrozzi, il-prodotti mediċinali u l-għamara.

9. Fil-ħames paragrafu, l-istess artikolu jipprevedi, b'mod partikolari, li "[l]-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas xieraq ta' monitoraġġ u infurzar bil-għan li jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti u organizzazzjonijiet jimplimentaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isemhom, jimplementaw l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, li l-mezzi finanzjarji qegħdin jintużaw sew u li l-atturi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jirrappurtaw data affidabbli".

B. Id-dritt Franċiż

10. Fi Franza, l-Artikolu L. 541-10-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprevedi l-prinċipju ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi li jqiegħdu fis-suq nazzjonali fuq bażi professjonali prodotti TBŻ iddestinati għal użu domestiku. Il-produtturi, importaturi u distributuri (iktar 'il quddiem, "negozjanti") ta' prodotti TBŻ huma b'hekk obbligati li jikkontribwixxu jew jimplimentaw ir-riċiklaġġ u t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti TBŻ.

11. Sabiex jissodisfa dan l-obbligu legali, l-Artikolu L. 541-10-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent joffri alternattiva għan-negozjanti ta' prodotti TBŻ:

– jew jaderixxu ma' u jħallsu kontribuzzjonijiet finanzjarji lil *organu ekoloġiku*, detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-Ministri responsabbli għall-Ekoloġija u għall-Industrija fuq il-bażi ta' speċifikazzjonijiet. Dan l-organu għandu imbagħad jidħol fi ftehim mal-operaturi li jqassmu l-iskart u l-awtoritajiet lokali jew il-gruppi tagħhom responsabbli mill-immaniġġar tal-iskart u jħallashom il-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-forma ta' għajnuna finanzjarja għall-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ u ta' trattament tal-iskart inkwistjoni;

– jew li huma jkunu jistgħu jimplimentaw, fl-osservanza ta' speċifikazzjonijiet oħra, *sistema individwali* ta' riċiklaġġ u ta' trattament ta' dan l-iskart awtorizzata b'digriet tal-Ministri responsabbli għall-Ekoloġija u għall-Industrija.

12. L-aħħar paragrafu tal-Artikolu L. 541-10-3 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprevedi li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni konkreta tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw dan l-obbligu legali, "b'mod partikolari l-metodu ta' kalkolu tal-kontribuzzjoni, il-kundizzjonijiet li taħthom għandha tiġi promossa l-inserzjoni ta' persuni li jiltaqgħu ma diffikultajiet fir-rigward tal-impjieg kif ukoll is-sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' [dan l-obbligu legali fuq in-negozjanti ta' prodotti TBŻ] huma stabbiliti b'digriet tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat)".

13. F'dak li jikkonċerna l-organi ekoloġiċi, l-Artikolu R. 543-214, tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprevedi li dawn għandhom jiġu awtorizzati għal perijodu massimu ta' sitt snin. Barra minn hekk, fit-talba għal awtorizzazzjoni tiegħu, organu ekoloġiku għandu jiġġustifika l-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tiegħu li jwettaq b'mod xieraq l-operazzjonijiet meħtieġa biex jippromwovi, permezz ta' ftehimiet li huwa jiffirma u tat-tqassim mill-ġdid tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li huwa jiġbor, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru materjali u t-trattament tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti TBŻ. Huwa għandu jindika wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom huwa jipprevedi li jissodisfa l-klawżoli tal-ispeċifikazzjonijiet li skonthom din l-awtorizzazzjoni tkun inħarġet.

14. L-artikolu R. 543-218 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jipprevedi wkoll li l-ispeċifikazzjonijiet tal-organi li lilhom tinħareġ din l-awtorizzazzjoni, għandhom jippreċiżaw, b'mod partikolari: l-ewwel nett, l-għanijiet stabbiliti f'termini ta' kwantitajiet ta' skart li jitqassam, użat mill-ġdid, irriċiklat jew irkuprat; it-tieni nett, l-għanijiet ta' inserzjoni tal-persuni li jiltaqgħu ma' diffikultajiet fir-rigward tal-impjieg; it-tielet nett, il-kundizzjonijiet li taħthom id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jidħol fi ftehim ma'

kull operatur li jqassam l-iskart bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħlas tal-ispejjeż ta' riċiklaġġ u ta' trattament tal-parti mill-iskart li ma jintużax mill-ġdid li jirriżulta mit-tqassim tal-iskart kif ukoll it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni mħallsa lill-operatur li jqassam l-iskart f'każ ta' nuqqas ta' osservanza minn dan tal-aħħar ta' għan minimu ta' inserzjoni ta' dawn il-persuni.

15. Dan il-kodiċi, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu R. 543-215, jipprovdi wkoll li għandhom ikunu l-organi awtorizzati li jiddeterminaw l-ammont globali tal-kontribuzzjoni finanzjarja li huma għandhom jirċievu mingħand in-negozjanti ta' prodotti TBŻ sabiex jiġu koperti, kull sena, l-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet.

16. Id-digriet tat-3 ta' April 2014 tal-Ministri responsabbli għall-Ekoloġija u għall-Industrija[7] (iktar 'il quddiem id-"digriet tal-2014"), kien, minn naħa, jeżiġi l-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet li għandu josserva organu li għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-trattament tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti TBŻ għall-perijodu 2014-2019 u, min-naħa l-oħra, jagħti awtorizzazzjoni lil Eco TLC sabiex tirċievi mingħand in-negozjanti ta' prodotti TBŻ, kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti u sabiex tħallashom, fil-forma ta' għajnuna finanzjarja, lill-operaturi li jqassmu l-iskart fl-osservanza ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

17. L-ispeċifikazzjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' organu ekoloġiku annessi mad-digriet tal-2014, jistabbilixxu, l-ewwel nett, l-iffissar tal-għanijiet li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jilħaq kif ukoll il-missjonijiet tiegħu (Kapitolu I).

18. It-tieni nett, dawn jipprevedu regoli ta' organizzazzjoni finanzjarja, b'mod partikolari l-preżenza fi ħdan il-bord tad-diretturi tal-organu ekoloġiku awtorizzat ta' ċensur tal-Istat (Kapitolu II), kif ukoll regoli li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi (Kapitolu VII).

19. It-tielet nett, dawn l-ispeċifikazzjonijiet jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-organu ekoloġiku awtorizzat u l-kontributuri, jiġifieri n-negozjanti tal-prodotti TBŻ li jitolbu li jaderixxu mal-organu (Kapitolu III). F'dan il-kuntest, dawn jipprevedu wkoll dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskala ffissata mill-organu ekoloġiku għall-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20. Ir-raba' nett, dawn l-ispeċifikazzjonijiet jipprevedu regoli li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn l-organu ekoloġiku awtorizzat u l-operaturi li jqassmu l-iskart (Kapitolu VI). Dawn jistabbilixxu speċifikament il-kriterji ta' prestazzjoni u ta' traċċabbiltà li għandhom jintlaħqu sabiex ikun hemm eliġibbiltà għall-ftehim u għall-għajnuna u jikkundizzjonaw, b'mod partikolari, il-ħlas tal-għajnuna b'rata minima ta' rkupru materjali u ta' riċiklaġġ. Huma jipprevedu tliet tipi ta' għajnuna finanzjarja li tista' titħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart li magħhom ikun sar ftehim: l-għajnuna għas-sostenibbiltà, għajnuna għat-tqassim tal-iskart materjali u għajnuna għall-iżvilupp.

21. L-Anness III tal-speċifikazzjonijiet intitolat "Skala tal-għajnuna finanzjarja li għandha titħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart li magħhom ikun sar ftehim, fis-sena N+1, abbażi tas-sena N (Sn)", jistabbilixxi l-metodu ta' kalkolu ta' dawn it-tipi differenti ta' għajnuna finanzjarja. F'dak li jikkonċerna b'mod partikolari l-ammont ta' għajnuna għas-sostenibbiltà (S_{np}), minn dan l-anness jirriżulta li dan għandu jkun ugwali għas-somma tal-għajnuna għas-sostenibbiltà skont l-irkupru materjali (S_{npvm}), l-irkupru tal-enerġija (S_{npve}) u l-eliminazzjoni (S_{npe}) ($S_{np} = S_{npvm} + S_{npve} + S_{npe}$). L-għajnuna għas-sostenibbiltà skont l-irkupru materjali (S_{npvm}) għandha tiġi kkalkolata billi jiġi assenjat għat-"tunnellaġġ li kien ġie suġġett għal irkupru materjali (użu mill-ġdid + riċiklaġġ + metodi oħra ta' rkupru materjali)" koeffiċjent iffissat fl-ammont ta' EUR 65 kull tunnellata.

7 Digriet dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni u dwar l-ispeċifikazzjonijiet imposti fuq organi li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għat-trattament tal-iskart li jirriżulta minn prodotti tessili ta' ilbies, ta' bjankerija tad-djar u taż-żraben, konformement mal-Artikolu R. 543-214 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent u dwar awtorizzazzjoni ta' organu, b'applikazzjoni tal-Artikoli L. 541-10-3 u R. 543-214 sa R. 543-224 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent (JORF nru 0111 tal-14 ta' Mejju 2014).

22. Id-digriet tad-19 ta' Settembru 2017 li jemenda d-digriet tal-2014 (iktar 'il quddiem id-"digriet kontenzjuż")[8] wettaq evalwazzjoni mill-ġdid tal-ammont ta' għajnuna għas-sostenibbiltà. Skont l-Artikolu 1 ta' dan id-digriet, il-koeffiċjent ta' EUR 65 għal kull tunnellata ffissat bid-digriet tal-2014 li jikkonċerna l-għajnuna għas-sostenibbiltà skont irkupru materjali (Snpvm) għandu jitla' għal EUR 82.50 kull tunnellata għall-għajnuna li għandha titħallas wara l-1 ta' Jannar 2018.

II. Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

23. F'Novembru 2017, Eco TLC ippreżentat rikors għal annullament quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) kontra d-digriet kontenzjuż minħabba eċċess ta' poter. Eco TLC issostni, fost oħrajn, li dan id-digriet jistabbilixxi miżura li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ġdida illegali sa fejn ma ġietx innotifika minn qabel lill-Kummissjoni, bi ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.

24. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva, l-ewwel nett, minn naħa, li ebda negozjant ta' prodotti TBŻ ma stabbilixxa sistema individwali ta' riċiklaġġ u ta' trattament tal-iskart u, min-naħa l-oħra, li Eco TLC hija l-uniku organu ekoloġiku awtorizzat mill-awtoritajiet pubbliċi fl-industrija TBŻ.

25. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-iskala tal-għajnuna finanzjarja mħallsa lill-operaturi li jqassmu l-iskart minn Eco TLC kienet ġiet stabbilita bid-digriet tal-2014 abbażi tal-għanijiet ta' rkupru ta' skart u ta' impjieg ta' persuni f'diffikultà soċjali. Hija tikkonstata li, konformement ma' dan id-digriet, Eco TLC għandha taġġusta l-ammont tal-kontribuzzjonijiet li hija għandha tirċievi mingħand negozjanti għal-livell strettament neċessarju sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha, jiġifieri l-ħlas ta' għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart skont l-iskala stabbilita b'dak id-digriet, kif ukoll diversi atti ta' tagħrif u ta' prevenzjoni, mingħajr ma tkun tista' tagħmel profitti jew telf, u lanqas twettaq attivitajiet f'oqsma oħra.

26. Fit-tielet u l-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tirrileva li ċensur tal-Istat, maħtur mill-Istat, jattendi għal-laqgħat tal-bord tad-diretturi ta' Eco TLC, mingħajr madankollu ma jkollu dritt tal-vot, għandu jkun informat bil-kundizzjonijiet tal-investimenti finanzjarji li jkunu maħsuba minn din il-kumpannija qabel ma jiġu awtorizzati mill-bord tad-diretturi, u jista' jitlob li jiġu nnotifikati lilu d-dokumenti kollha marbuta mal-amministrazzjoni finanzjarja ta' din il-kumpannija sabiex, f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, jinforma dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li jistgħu jimponu multa sa mhux iktar minn EUR 30 000 jew is-sospensjoni jew saħansitra l-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Hija tinnota li suġġett għal dawn ir-riżervi, Eco TLC tistabbilixxi liberament l-għażliet ta' amministrazzjoni tagħha u li, b'mod partikolari, il-fondi maħsuba għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ma huma suġġetti għal ebda obbligu partikolari ta' depożitu.

27. F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu inkwistjoni mal-Artikolu 107 TFUE hija deċiżiva għas-soluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiemu, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 107 [TFUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li sistema […] li biha korp ekoloġiku privat mingħajr għan ta' qligħ, li għandu awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi, jiġbor, mingħand negozjanti ta' kategorija partikolari ta' prodotti li ffirmaw miegħu ftehim f'dan ir-rigward, kontribuzzjonijiet finanzjarji bħala korrispettiv għas-servizz li jipprovdi f'isimhom għat-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti u jagħti sussidji lill-operaturi responsabbli għall-klassifikazzjoni u l-irkupru ta' dak l-iskart f'ammont stabbilit fl-awtorizzazzjoni fid-dawl tal-għanijiet ambjentali u soċjali, għandu jitqies bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' [din id-disposizzjoni]?"

8 JORF tal-4 ta' Ottubru 2017, test nru 5.

III. Analiżi ġuridika

28. Bid-domanda preliminari tiegħu, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiża tan-negozjanti, bħalma huwa l-mekkaniżmu stabbilit mid-dritt Franċiż għall-prodotti TBŻ, għandux jiġi kkunsidrat bħala miżura li tistabbilixxi għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dan l-artikolu.

29. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, inqis li huwa neċessarju, qabelxejn, li nippreżenta fil-qosor l-elementi prinċipali tal-mekkaniżmu suġġett tad-domanda preliminari, kif esposti mill-qorti tar-rinviju, u, imbagħad, li nifformula xi kummenti preliminari.

A. Il-mekkaniżmu Franċiż ta' responsabbiltà estiża tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ

30. Jirriżulta mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja li l-mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiża tan-negozjanti stabbilit fi Franza għall-prodotti TBŻ huwa kkaratterizzat bis-segwenti elementi.

31. Fl-ewwel lok, in-negozjanti ta' prodotti TBŻ huma suġġetti għal obbligu legali ta' kontribuzzjoni jew li jwettqu r-riċiklaġġ u t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti. Huma għandhom għażla *de jure*, jew li jikkontribwixxu finanzjarjament f'organu ekoloġiku awtorizzat mill-awtoritajiet pubbliċi li jħallas lura l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-operaturi li jqassmu l-iskart, jew li jimplimentaw sistema individwali ta' riċiklaġġ u ta' trattament ta' dan l-skart, li wkoll għandha tiġi awtorizzata mill-awtoritajiet pubbliċi [9].

32. Jirriżulta madankollu mill-proċess li ebda negozjant ta' prodotti TBŻ ma stabbilixxa sistema individwali u li n-negozjanti kollha għażlu li jaderixxu mal-uniku organu ekoloġiku li ġie kkostitwit u awtorizzat, jiġifieri Eco TLC.

33. Fit-tieni lok, il-Kodiċi dwar l-Ambjent u l-ispeċifikazzjonijiet li, taħt dan il-kodiċi, huma marbuta mad-digriet ta' awtorizzazzjoni – f'dan il-każ, id-digriet tal-2014 – jirregolaw fid-dettall l-attivitajiet tal-organu ekoloġiku li jirriżultaw mill-missjonijiet li għalihom huwa awtorizzat. Skont dawn l-ispeċifikazzjonijiet, l-għan prinċipali mfittex mill-organu ekoloġiku awtorizzat għandu jkun dak li jissodisfa l-obbligi imposti fuq in-negozjanti taħt ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, u li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà u għall-iżvilupp tal-industrija TBŻ.

34. Fit-tielet lok, sabiex jeżegwixxi l-missjoni tiegħu, l-organu ekoloġiku jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand in-negozjanti ta' prodotti TBŻ (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjonijiet input"). L-organu ekoloġiku nnifsu għandu jistabbilixxi l-ammont ta' dawn il-kontribuzzjonijiet (fl-"iskala input") [10], billi jiffissahom fil-livell neċessarju sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart, kif ukoll sabiex ikopri l-ispejjeż ta' funzjonament tiegħu. Il-kontribuzzjonijiet input li jirċievi l-organu ekoloġiku għandhom jintużaw fl-intier tagħhom fl-eżekuzzjoni tal-missjonijiet tiegħu, kif ukoll għall-ispejjeż ta' funzjonament relatati magħhom, billi l-attivitajiet tal-organu ekoloġiku li huwa awtorizzat għalihom għandhom jiġu eżerċitati mingħajr skop ta' lukru.

35. Fir-raba' lok, l-organu ekoloġiku għandu jikkonkludi ftehim mal-operaturi li jqassmu l-iskart eliġibbli u jħallashom lura, "output", għajnuna finanzjarja skont it-tunnellaġġi ta' skart TBŻ imqassam. L-ispeċifikazzjonijiet annessi mad-digriet tal-2014 jipprevedu li l-għajnuna finanzjarja li għandha titħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart għandha tinkludi tliet komponenti, jiġifieri: l-ewwel nett, l-għajnuna għas-sostenibbiltà tal-industrija tal-immaniġġar tal-iskart li jirriżulta minn prodotti TBŻ,

9 Ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

billi jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' dan l-immaniġġar, it-tieni nett, l-għajnuna għat-tqassim tal-iskart materjali, u t-tielet nett, l-għajnuna għall-iżvilupp ta' din l-industrija. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet, fl-Anness III tagħhom, jistabbilixxu wkoll, skont għanijiet ambjentali u soċjali, il-kundizzjonijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna finanzjarja li għandu jitħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart, kif ukoll l-iskala applikabbli (iktar 'il quddiem, l-"iskala output") [11].

36. Fil-ħames lok, l-organu ekoloġiku għandu jaċċetta, fi ħdan il-bord tad-diretturi tiegħu, ċensur tal-Istat, maħtur mill-Istat. Dan iċ-ċensur jista' jattendi l-laqgħat tal-bord tad-diretturi tal-organu ekoloġiku, madankollu mingħajr ma jkollu dritt tal-vot. Huwa għandu jiġi informat bil-kundizzjonijiet tal-investimenti finanzjarji maħsuba mill-kumpannija qabel ma dawn jiġu awtorizzati mill-bord tad-diretturi, u jista' jitlob li jiġu nnotifikati lilu d-dokumenti kollha marbuta mal-amministrazzjoni finanzjarja tal-kumpannija sabiex, f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, jinforma dwar dan lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti li jistgħu jimponu multa jew is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni jew saħansitra l-irtirar tagħha.

37. Barra minn hekk, l-organu ekoloġiku għandu jinforma regolarment lill-ministeri bl-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet tiegħu u bit-twettiq tal-obbligi tiegħu u tal-previżjonijiet finanzjarji tiegħu. Huwa għandu jikkomunika d-dokumenti l-oħra kollha u l-informazzjoni mitluba mill-ministri kompetenti.

B. Osservazzjonijiet preliminari

38. F'dan il-kuntest, jidhirli li huwa f'loku, l-ewwel nett, li niċċara l-portata tad-domanda preliminari li saret mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

39. Fil-fatt, meta n-negozjanti ta' prodotti TBŻ jagħżlu li jużaw organu ekoloġiku awtorizzat sabiex jissodisfaw l-obbligu legali tagħhom li jwettqu t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti, il-mekkaniżmu li jien ser nesponi l-elementi prinċipali tiegħu jipprevedi ħlasijiet finanzjarji fuq żewġ livelli: minn naħa, il-kontribuzzjonijiet input imħallsa lill-organu ekoloġiku min-negozjanti ta' prodotti TBŻ u, min-naħa l-oħra, l-għajnuna finanzjarja mħallsa lura, tal-output, mill-organu ekoloġiku lill-operaturi li jqassmu l-iskart li għamlu ftehim miegħu.

40. Issa, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, kif ukoll mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, li, għalkemm id-domanda preliminari li saret mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) tikkonċerna l-mekkaniżmu inkwistjoni meħud fl-intier tiegħu, id-dubji tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE jikkonċentraw fuq il-parti output tas-sistema. Għalhekk, id-domanda preliminari li saret mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) tirrigwarda, essenzjalment, jekk l-għajnuna finanzjarja li għandha titħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart, stabbilita skont l-iskala output, prevista mid-digriet tal-2014 u emendata bid-digriet kontenzjuż, tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat li tagħha għandhom ikunu benefiċjarji dawn l-operaturi li jqassmu l-iskart. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill tal-Istat ma għandu l-ebda dubju dwar il-klassifikazzjoni possibbli bħala "għajnuna" tal-kontribuzzjonijiet input li jitħallsu lill-organu ekoloġiku [12]. Għaldaqstant fil-fehma tiegħi, id-domanda preliminari għandha tinftiehem f'dan is-sens.

11 Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ippreċiża fil-ġurisprudenza tiegħu li l-kontribuzzjonijiet tan-negozjanti lil organu ekoloġiku jikkostitwixxu korrispettiv dirett għal servizz mogħti u minħabba f'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala ħlas li jista' jiġi assimilat ma' impożizzjoni jew ma' taxxa stabbilita mill-awtorità pubblika u għaldaqstant ma jikkostitwixxux riżors tal-Istat (ara Conseil d'État, 11 ta' Lulju 2011, nru 346698 u 28 ta' Diċembru 2017, nru 408425, ECLI:FR:CECHS:2017:408425.20171228).

41. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tippreżumi li jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri l-eżistenza ta' intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li dan l-intervent jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li jwassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni [13].

42. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat", kif stabbilit fit-Trattat, għandu natura legali u għandu jiġi interpretat fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi [14].

43. Madankollu, inqis f'loku li nfakkar li, skont il-ġurisprudenza, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-funzjoni tagħha huwa li tagħti kjarifika lill-qorti nazzjonali dwar il-portata tar-regoli tal-Unjoni sabiex tippermettilha twettaq applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli għall-fatti mressqa quddiemha, u mhux tipproċedi hija stess għal tali applikazzjoni, u dan sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja mhux neċessarjament ikollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi indispensabbli kollha f'dan ir-rigward [15].

44. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti, li l-qrati nazzjonali huma awtorizzati li jinterpretaw u li japplikaw il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" u, fil-proċeduri pendenti quddiemhom, huma dawn il-qrati li għandhom jivverifikaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE jiġu ssodisfatti [16].

45. Għaldaqstant ser nieħu dan it-"tqassim tal-kompiti" [17] bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali inkunsiderazzjoni waqt li nwettaq eżami, abbażi tal-elementi li jirriżultaw mill-proċess, ta' kull wieħed mill-kriterji kumulattivi tal-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" indikati fil-punt 41 iktar 'il fuq. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi u l-informazzjoni fattwali neċessarja oħra sabiex twettaq analiżi komplet, li għandha tieħu d-deċiżjoni finali dwar il-klassifikazzjoni possibbli ta' "għajnuna mill-Istat" tal-mekkaniżmu inkwistjoni, fid-dawl tal-indikazzjonijiet fuq it-tifsira u fuq il-portata tal-Artikolu 107(1) TFUE li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ipprovditilha.

C. Fuq l-eżistenza ta' intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat

46. Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "għajnuna" fis-sens tal-Artikolu 107 (1) TFUE, dawn għandhom, minn naħa, jingħataw direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u, min-naħa l-oħra, ikunu imputabbli lill-Istat [18].

47. F'dak li jikkonċerna l-kundizzjoni tal-imputabbiltà tal-mekkaniżmu inkwistjoni lill-Istat, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex tiġi evalwata din l-imputabbiltà, għandu jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi kinux involuti fl-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni [19].

13 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 40), tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group SA *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 53), kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 111).

15 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Omni Metal Service (C-259/05, EU:C:2007:363, punt 15), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:469, punt 24), u tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:38, punt 16).

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich (C-368/04, EU:C:2006:644, punt 39), u tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, EU:C:2015:742, punt 22).

17 F'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:38, punt 17).

18 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 47).

19 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 48).

48. Issa, f'dan il-każ, l-imputabbiltà lill-Istat tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiża tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ ma tqajjem l-ebda dubju. Hekk kif jirriżulta mill-punti 10 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet, dan il-mekkaniżmu ġie stabbilit mill-Istat permezz tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, u digrieti li implimentaw dawn id-dispożizzjonijiet, speċifikament id-digriet tal-2014 u d-digriet kontenzjuż. Il-mekkaniżmu inkwistjoni għandu għaldaqstant jitqies bħala imputabbli lill-Istat.

49. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni jekk ir-riżorsi li l-organu ekoloġiku juża sabiex iħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart għandhomx jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat" hija l-iktar kwistjoni kumplessa ta' din il-kawża.

50. Sabiex nanalizza din il-kwistjoni, inħoss li huwa utli li nfakkar, qabelxejn, il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat", u imbagħad, li neżamina l-mekkaniżmu inkwistjoni fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali esposti.

1. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat"

51. Qabelxejn għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, huma biss il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat jew li jikkostitwixxu piż supplimentari għall-Istat li għandhom jitqiesu bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fil-fatt, mill-kliem innifsu ta' din id-dispożizzjoni u mir-regoli proċedurali stabbiliti permezz tal-Artikolu 108 TFUE jirriżulta li l-vantaġġi mogħtija permezz ta' mezzi oħra għajr riżorsi tal-Istat ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni [20].

52. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE tinkludi kemm l-għajnuna mogħtija direttament mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat kif ukoll dik mogħtija minn organi pubbliċi jew privati stabbiliti jew maħtura minnu sabiex tiġi amministrata [21].

53. Id-distinzjoni magħmula f'din id-dispożizzjoni bejn l-"għajnuna […] mogħtija minn Stat Membru" u l-għajnuna mogħtija "permezz ta' riżorsi ta' l-Istat" ma tfissirx li l-vantaġġi kollha mogħtija minn Stat, sew jekk iffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat jew le, jikkostitwixxu għajnuna, iżda hija indirizzata biss biex tinkludi f'dan il-kunċett kemm il-vantaġġi li jingħataw direttament mill-Istat kif ukoll dawk li jingħataw permezz ta' organu pubbliku jew privat, maħtur jew stabbilit minn dan l-Istat [22].

54. L-inklużjoni ta' vantaġġi mogħtija bl-intervent ta' organi distinti tal-Istat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE hija ġustament intiża, sabiex iżżomm l-effett utli tal-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat [23]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jippermetti li l-fatt biss ta' ħolqien ta' istituzzjonijiet awtonomi inkarigati mid-distribuzzjoni ta' għajnuna jippermetti li jiġu evitati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat [24].

20 Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160, punt 58), kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara, *ex multis*, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża ENEA (C-329/15, EU:C:2017:233, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Ara, *ex multis*, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 23); tad-9 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs TV2 u Id-Danimarka (C-656/15 P, EU:C:2017:836, punt 45); kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 51).

55. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit, fil-każijiet kollha, li kien seħħ trasferiment ta' riżorsi tal-Istat sabiex il-vantaġġ mogħti lil impriża waħda jew iktar ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE [25].

56. L-Artikolu 107(1) TFUE ikopri, fil-fatt, il-mezzi pekunjarji kollha li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu effettivament jużaw sabiex jappoġġaw l-impriżi, irrispettivament jekk dawn il-miżuri jappartjenux jew le b'mod permanenti għall-patrimonju tal-Istat. Anki jekk l-ammonti li jikkorrispondu mal-miżura ta' għajnuna ma humiex miżmuma b'mod permanenti mit-Teżor, il-fatt li dawn kostantement jibqgħu taħt kontroll pubbliku, u għalhekk disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ikun suffiċjenti biex huma jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat" [26].

57. Fi kliem ieħor, fondi jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat" meta, għalkemm ikunu ġejjin minn persuni privati, jingħabru mill-Istat, f'isem l-Istat jew bis-saħħa ta' intervent mill-Istat, u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu dwar l-użu finali tagħhom [27].

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-fondi pprovduti permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat, ġestiti u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma ġestiti minn entitajiet distinti mill-awtorità pubblika [28].

59. L-element deċiżiv, f'dan ir-rigward, huwa kkostitwit mill-fatt li dawn l-entitajiet huma inkarigati mill-Istat sabiex jamministraw riżors tal-Istat, u mhux sempliċement marbuta b'obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess [29].

60. Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat ukoll li, sabiex jiġi stabbilit jekk il-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju huwiex piż fuq il-baġit tal-Istat, għandu jiġi vverifikat jekk teżistix rabta suffiċjentement diretta bejn, minn naħa, dan il-vantaġġ u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis ta' dan il-baġit, jew anki riskju ekonomiku suffiċjentement konkret tal-piżijiet imposti fuqu [30].

2. Fuq il-klassifikazzjoni bħala "riżorsi tal-Istat" tal-fondi użati minn organu ekoloġiku sabiex iħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni

61. Huwa fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali esposti fit-taqsima preċedenti li għandu jiġi evalwat jekk, f'dan il-każ, il-fondi li, fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), organu ekoloġiku bħalma huwa Eco TLC juża sabiex iħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart għandhomx jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat".

25 Sentenzi tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 36); tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 109); tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 34); kif ukoll tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 55).

26 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi taT-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 57); kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 53).

27 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:38, punt 25).

28 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 25); tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 58); kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 54 u l-ġurisprudenza hemm iċċitata).

29 Ara s-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 59), u tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 55 u l-ġurisprudenza hemm iċċitata).

30 Ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 60). F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 109); tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia (C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 47); tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech (C-518/13, EU:C:2015:9, punt 34); kif ukoll tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias, C-690/13, EU:C:2015:235, punt 19).

62. F'dan ir-rigward, ninnota, qabelxejn, li dan il-mekkaniżmu ma huwa assimilabbli ma' ebda waħda mis-sistemi li l-Qorti tal-Ġustizzja analizzat fil-ġurisprudenza tagħha, pjuttost abbundanti, fir-rigward tal-kunċett ta' riżorsi tal-Istat.

63. Hekk, dan il-mekkaniżmu jiddistingwi ruħu mis-sistemi li jimponu obbligi ta' xiri ta' elettriku fuq impriżi privati, fil-kuntest ta' miżuri nazzjonali ta' sostenn lill-enerġija provenjenti minn sorsi rinnovabbli, fir-rigward ta' liema, fil-kawżi PreussenElektra [31] u ENEA [32], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE [33]. Dan il-mekkaniżmu huwa differenti, madankollu, anki mis-sistemi nazzjonali adottati fis-settur tal-enerġija li l-Qorti tal-Ġustizzja analizzat f'kawżi oħra, bħalma huma Essent Netwerk Noord *et* [34], Association Vent De Colère! [35], u Achema [36] u li dwarhom, min-naħa l-oħra, hija ddeċidiet li l-fondi inkwistjoni setgħu jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat, fis-sens ta' dan il-mekkaniżmu.

64. Il-mekkaniżmu Franċiż ta' responsabbiltà estiża tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ lanqas ma huwa paragunabbli mal-miżuri eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Pearle *et* [37] u Doux Élevage [38], li fir-rigward tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti fuq ċerti impriżi, iffissati bil-liġi u miġbura u amministrati minn organi li lilhom l-Istat kien ta ċerti setgħat. Madankollu dawn il-kontribuzzjonijiet kienu ġew stabbiliti fuq l-inizjattiva ta' impriżi privati li kienu jiddeċiedu wkoll dwar l-użu tagħhom u ma kellhomx jintużaw sabiex jilħqu għan ta' interess pubbliku ddefinit mill-awtoritajiet pubbliċi [39].

65. Madankollu, dawn il-kawżi kollha jipprovdu sensiela ta' indikazzjonijiet sabiex jiġi evalwat, abbażi ta' ġabra ta' elementi differenti li jikkaratterizzaw il-mekkaniżmu nazzjonali inkwistjoni, jekk il-fondi inkwistjoni għandhomx jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat".

66. Dan il-każ jirrigwarda, speċifikament, kontribuzzjonijiet li impriżi suġġetti għal obbligu legali li jipprovdu t-trattament tal-iskart għandhom iħallsu lil entità privata awtorizzata mill-Istat li tħallashom lil operaturi li, sa fejn kienu josservaw ċerti kundizzjonijiet, ikunu għamlu ftehim ma' dik l-entità privata.

67. F'dan il-kuntest, abbażi tat-tagħlim ġurisprudenzjali imsemmi iktar 'il fuq, ser nindirizza, l-ewwel nett, il-kwistjoni tan-natura obbligatorja tal-kontribuzzjonijiet input imħallsa min-negozjanti ta' prodotti TBŻ lill-organu ekoloġiku. Fit-tieni lok, ser nanalizza l-livell ta' kontroll li l-awtorità pubblika tgawdi fuq l-organu ekoloġiku u fuq dawn il-fondi konformement mal-mekkaniżmu nazzjonali inkwistjoni. Fit-tielet lok, ser neżamina l-kwistjoni tal-eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta bejn l-allegat vantaġġ u tnaqqis, tal-inqas potenzjali, tal-baġit tal-Istat.

31 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160).

32 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671).

33 F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-impriżi privati suġġetti għall-obbligu ta' xiri bi prezzijiet minimi ffissati l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ma kinux inkarigati mill-Istat Membru kkonċernat sabiex jamministraw riżors tal-Istat, imma kienu marbuta b'obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi tagħhom stess. F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 34 u 35), u tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 30). Fis-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268), fil-kuntest ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li la l-Qorti Ġenerali u lanqas il-Kummissjoni ma kienu kapaċi jiġġustifikaw il-konklużjoni tagħhom li s-sistema ta' sostenn għall-produzzjoni ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli inkwistjoni kienet tinvolvi riżorsi tal-Istat u, għaldaqstant, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

34 Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413). Din il-kawża kienet tikkonċerna taxxa li tikkonsisti f'suppliment tal-prezz tal-elettriku trasportat.

35 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851). Din il-kawża kienet tikkonċerna wkoll obbligu legali ta' xiri ta' elettriku.

36 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407). Din il-kawża kienet tikkonċerna obbligu ta' kontribuzzjoni għal servizzi ta' interess pubbliku fis-settur tal-elettriku.

37 Sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Pearle *et* (C-345/02, EU:C:2004:448).

38 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348).

39 F'dan ir-rigward, ara wkoll il-punt 30 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:38).

a) Fuq in-natura obbligatorja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa min-negozjanti lill-organu ekoloġiku

68. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fondi mogħtija bil-kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat jistgħu jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

69. Għaldaqstant tqum il-kwistjoni ta' evalwazzjoni tan-natura obbligatorja possibbli tal-kontribuzzjonijiet imħallsa, bħala input, min-negozjanti ta' prodotti TBŻ lill-organu ekoloġiku.

70. F'dan ir-rigward, mill-punti 10 u 11 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, in-negozjanti ta' prodotti TBŻ huma obbligati li jipprovdu t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti. Għaldaqstant jeżisti obbligu legali impost fuqhom f'dan is-sens, li, barra minn hekk, jirriżulta minn leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2008/98.

71. Madankollu, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-kodiċi jagħtuhom alternattiva sabiex dan l-obbligu legali jiġi ssodisfatt: jew huma joħolqu sistema individwali ta' riċiklaġġ u ta' trattament ta' dan l-iskart, jew li jaderixxu ma' organu ekoloġiku li lilu huma jittrasferixxu l-obbligu legali tagħhom permezz ta' kontribuzzjoni. Għaldaqstant huwa fil-każ li negozjant jiddeċiedi li jaderixxi ma' organu ekoloġiku li l-kontribuzzjoni lil din l-entità ssir legalment obbligatorja għalih sabiex jissodisfa l-obbligu legali impost fuqu li jipprovdi għat-trattament tal-iskart.

72. F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-alternattiva li l-liġi toffri lin-negozjanti, għandu jiġi kkonstatat li l-kontribuzzjonijiet tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ lil Eco TLC ma humiex obbligatorji *de jure*.

73. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra, madankollu, opportun li wieħed jistaqsi dwar jekk kontribuzzjoni li hija *de facto* obbligatorja għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li twassal għall-istess effetti bħal kontribuzzjoni obbligatorja *de jure*. Skont din l-istituzzjoni, kieku kellu jiġi konkluż li l-kontribuzzjonijiet li n-negozjanti jħallsu lil Eco TLC, l-uniku organu ekoloġiku awtorizzat fi Franza fl-industrija tal-prodotti TBŻ, huma *de facto* obbligatorji, peress li l-alternattiva ta' implimentazzjoni ta' sistema individwali hija "purament teoretika, għaliex mhux fattibbli fil-prattika", allura r-riżorsi li jirriżultaw minn dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat" [40].

74. F'dan ir-rigward, jiena nifhem ir-rekwiżit, enfasizzat mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, li sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jipprevedi alternattiva purament teoretika ma għandhomx jiġu esklużi mill-kunċett ta' għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, f'dan il-każ, jeżisti riskju li, billi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jipprevedu, għall-operaturi kkonċernati alternattivi li jeżistu legalment, imma *de facto* huwa impossibbli li jitwettqu, l-Istati Membri jistgħu jevitaw id-dixxiplina tal-Unjoni fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat.

75. Madankollu, inqis li l-analiżi li fuqha għandha tkun ibbażata eventwali konklużjoni li l-alternattiva legali prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali hija "purament teoretika" minħabba l-impossibbiltà li titwettaq għandha neċessarjament tkun waħda rigoruża ħafna, billi jekk ma jkunx hekk, jeżisti r-riskju li naqgħu fl-arbitrarju.

40 F'dan ir-rigward, ninnota li, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kawża pendenti quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) (Kawża nru 416103), ir-Relatur Pubbliku, Louis Dutheillet de Lamothe, qies li l-possibbiltà għan-negozjanti li jikkostruwixxu l-industrija ta' riċiklaġġ tagħhom stess hija "purament teoretika".

76. Sabiex titwettaq din l-analiżi, fil-fehma tiegħi jeħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi vverifikat jekk mill-perspettiva legali verament teżistix alternattiva. Dan jista' ma jkunx il-każ, pereżempju, jekk l-awtoritajiet ma jkunux stabbilixxew kuntest ġuridiku li jippermetti li titwettaq waħda miż-żewġ possibiltajiet tal-alternattiva. F'dan il-każ, madankollu, jidher li kien ġie stabbilit kuntest leġiżlattiv, anki jekk allegatament tard, sabiex jippermetti li jiġu implimentati sistemi individwali ta' riċiklaġġ u trattament tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti TBŻ [41].

77. It-tieni nett, sabiex rimedju alternattiv ikun "purament teoretiku għaliex ma jistax jitwettaq fil-prattika", ma huwiex suffiċjenti li jkun sempliċement iktar oneruż jew inqas favorevoli mill-perspettiva ekonomika. Dan ir-rimedju għandu jkun tant oneruż jew diffiċli li għandu jitqies bħala *de facto* impossibbli li jitwettaq.

78. It-tielet nett, qabel ma jiġi konkluż li alternattiva li teżisti legalment hija purament teoretika, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-possibbiltajiet kollha għad-dispożizzjoni tal-operaturi kkonċernati. Għalhekk, pereżempju, f'dan il-każ, ma jistax jiġi eskluż li, anki jekk l-implimentazzjoni ta' sistema individwali kienet *de facto* impossibbli, in-negozjanti jistgħu xorta waħda jiffurmaw organu ekoloġiku ieħor differenti minn Eco TLC sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jipprovdu għat-trattament tal-iskart [42]. Jekk dan ir-rimedju kien legalment permess bħala alternattiva għan-negozjanti [43], l-eżistenza ta' alternattiva ta' dan it-tip għandha wkoll tittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi, qabel ma jkun jista' jiġi konkluż li l-alternattiva għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet lil Eco TLC offruta lil dawn in-negozjanti hija "purament ipotetika".

79. F'kull każ, inqis li, f'dan il-każ, il-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprovdix l-elementi fattwali neċessarji kollha sabiex din l-evalwazzjoni titwettaq b'mod definittiv. Għalhekk hija l-qorti tar-rinviju li, abbażi tal-indikazzjonijiet li ser tipprovdilha l-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tiddetermina jekk il-kontribuzzjonijiet tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ lil Eco TLC għandhomx possibbilment natura obbligatorja. Jekk il-qorti tar-rinviju kellha tikkonkludi li dan ma huwiex il-każ, allura n-natura ta' riżorsi tal-Istat tal-fondi inkwistjoni għandha tiġi eskluża.

b) Fuq il-kontroll pubbliku fuq l-organu ekoloġiku u fuq il-fondi

80. Mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 56 u 59 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk fondi li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni ta' Stat jistgħux jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huwa deċiżiv li jiġi vverifikat jekk l-entità distinta tal-awtorità pubblika li tamministrahom konformement ma' din il-leġiżlazzjoni tkunx ġiet inkarigata mill-Istat biex tamministra riżors tal-Istat. Sabiex jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat", ma huwiex neċessarju li l-fondi jappartjenu b'mod permanenti lill-patrimonju tal-Istat, imma huwa suffiċjenti li huma jibqgħu kostantement taħt il-kontroll pubbliku, u għaldaqstant għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

81. F'dan il-każ, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk Eco TLC tistax titqies li ġiet inkarigata mill-Istat biex tamministra riżorsi li jibqgħu kostantement taħt il-kontroll pubbliku, u għaldaqstant għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali.

41 Digriet tad-19 ta' Settembru 2017 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni u li jirrigwarda speċifikazzjonijiet tas-sistemi individwali tal-industrija tal-iskart li jirriżulta minn prodotti tessili tal-ilbies, minn bjankerija tad-dar u miż-żraben, b'applikazzjoni tal-Artikoli L. 541-10-3 u R. 543-217 sa R. 543-224 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent (JORF nru 0226 tas-27 ta' Settembru 2017).

42 L-eżistenza ta' din il-possibbiltà ġiet ipprospettata mir-Relatur Pubbliku, L. Dutheillet de Lamothe, fil-konklużjonijiet tiegħu ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40 ta' dawn il-konklużjonijiet, fl-analiżi tiegħu dwar l-interess ġuridiku ta' Eco TLC quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

43 Għandi nikkjarifika li qiegħed insemmi din il-possibbiltà bħala eżempju biss, għaliex, abbażi tal-informazzjoni inkompleta għad-dispożizzjoni tagħna, hija tammonta għal spekulazzjoni pura. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din il-possibbiltà teżistix verament jew le.

82. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, fir-rigward tan-natura tal-entità distinta tal-awtorità pubblika li tamministra l-fondi, għandu jiġi rrilevat li f'dan il-każ ma hemm l-ebda dubju li Eco TLC ma hijiex entità pubblika, imma kumpannija privata, stabbilita minn operaturi privati, li għandhom ir-relazzjonijiet ta' bejniethom irregolati mid-dritt privat.

83. Minn din il-perspettiva, iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża jidhru li huma eqreb minn dawk tal-kawżi li taw lok għas-sentenzi Pearle *et* u Doux Élevage [44], li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-klassifikazzjoni bħala "riżorsi tal-Istat" ta' fondi amministrati minn operaturi privati, milli dawk tal-kawżi li taw lok għas-sentenzi Association Vent De Colère! [45] u Achema [46], li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet in-natura ta' riżorsi tal-Istat tal-fondi inkwistjoni. Madankollu, din il-kawża hija differenti mill-kawżi Pearle *et* u Doux Élevage minħabba ċ-ċirkustanza, ċertament mhux negliġibbli, li, kif esponejt fil-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, f'dawn iż-żewġ kawżi r-riżorsi kienu utilizzati bl-għan li jintlaħqu għanijiet mhux ta' interess pubbliku, imma ffissati mill-operaturi privati inkwistjoni [47].

84. Fit-tieni lok, b'applikazzjoni tal-prinċipji ġurisprudenzjali mfakkra fil-punt 80 hawn fuq, għandu, madankollu, jiġi vverifikat jekk il-fondi li organu ekoloġiku jutilizza biex iħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni jistgħux jiġu kkunsidrati li jibqgħu kontinwament taħt kontroll pubbliku.

85. F'dan ir-rigward, ninnota li l-fondi inkwistjoni jitħallsu minn entitajiet privati (in-negozjanti), lil entità privata (Eco TLC), li tħallashom lil entitajiet privati oħra (l-operaturi li jqassmu l-iskart). Għaldaqstant, il-kontribuzzjonijiet iżommu n-natura privata tagħhom matul il-proċess kollu tagħhom [48]. Il-mekkaniżmu maħluq bil-mekkaniżmu inkwistjoni ma jimplika l-ebda trasferiment dirett jew indirett ta' dħul pubbliku, billi l-fondi ġġenerati mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet qatt ma jgħaddu mill-baġit tal-Istat jew ta' xi entità pubblika oħra u qatt ma jgħaddu f'idejn awtoritajiet pubbliċi [49]. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi fl-ebda mument ma jkollhom aċċess effettiv għal dawn ir-riżorsi [50].

86. Barra minn hekk, f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, sabiex jiġbor dan il-ħlas l-organu ekoloġiku għandu jsegwi l-proċedura ġudizzjarja ċivili jew kummerċjali normali għaliex ma għandu l-ebda prerogattiva bħal dik tal-Istat [51].

87. Minkejja dan, anki jekk ma għandhomx aċċess għal dawn il-fondi, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom rwol importanti fir-rigward tal-allokazzjoni tagħhom u tad-determinazzjoni tal-ammont tagħhom, li wassal lill-Kummissjoni sabiex, fl-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tikkunsidra li l-Istat jeżerċita, essenzjalment, kontroll strett fuq iċ-ċirkwit finanzjarju li jikkonċerna dawn il-fondi [52].

44 Sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Pearle *et* (C-345/02, EU:C:2004:448), u tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, ara l-punti 31 u 33).

45 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851).

46 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407).

47 Is-sistema eżaminata f'din il-kawża hija wkoll differenti minn dik eżaminata fil-kawża Essent Netwerk Noord li fiha, għalkemm l-entità distinta tal-awtorità pubblika kienet kumpannija privata, hija kienet maħsuba mil-liġi sabiex tiġbor taxxa (ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punti 67 u 68)]. Dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża, billi l-kontribuzzjonijiet tan-negozjanti ma jikkostitwixxux taxxa (ara l-punt 106 ta' dawn il-konklużjonijiet).

48 F'dan is-sens, ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 32).

49 F'dan is-sens, ara s-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 32); tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 28 à 33); kif ukoll tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 85).

50 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 81).

51 F'dan is-sens, ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 32).

52 Ir-Relatur Pubbliku, L. Dutheillet de Lamothe, esprima ruħu fl-istess sens fil-konklużjonijiet iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

88. F'dan il-kuntest, jeħtieġ, fit-tielet lok, li jiġi vverifikat jekk, anki jekk ma għandhomx aċċess għal dawn il-fondi, l-awtoritajiet pubbliċi xorta waħda jikkontrollaw dawn il-fondi sa fejn iżommu setgħa ta' dispożizzjoni fuqhom.

89. Fir-rigward tal-kriterju li għandu jiġi adottat sabiex titwettaq din l-evalwazzjoni, mill-ġurisprudenza jirriżulta li ma huwiex suffiċjenti li l-elementi rilevanti tal-mekkaniżmu inkwistjoni jkunu limitati biss sabiex juru pussess ċert mill-Istat fuq is-sistemi li dan il-mekkaniżmu jistabbilixxi. Min-naħa l-oħra, huwa neċessarju li dawn l-elementi jippermettu li jiġi konkluż li l-Istat igawdi setgħa ta' dispożizzjoni tal-fondi ġestiti u amministrati mill-entità distinta mill-awtoritajiet pubbliċi [53].

90. F'dan is-sens, huwa essenzjali li jiġi kkunsidrat il-grad ta' awtonomija fuq il-fondi li tgawdi l-entità distinta li tamministrahom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. B'mod partikolari, għandu jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonferixxix lill-awtorità kompetenti s-setgħa li tmexxi jew li tinfluwenza l-amministrazzjoni tal-fondi u għandhom ukoll jiġu evalwati t-tip u l-livell ta' kontroll li l-awtoritajiet pubbliċi jeżerċitaw fuq din l-entità distinta [54].

91. F'dan il-kuntest, jidhirli li l-kunsiderazzjonijiet segwenti huma rilevanti fir-rigward tal-mekkaniżmu inkwistjoni.

92. L-ewwel nett, f'dak li jikkonċerna l-inizjattiva tal-ħlas tal-fondi, għalkemm huwa ċert li l-użu tagħhom isegwi għanijiet politiċi konkreti, iffissati u ddefiniti mill-awtoritajiet pubbliċi [55] u li l-obbligu tal-provvista tal-iskart jirriżulta direttament mill-Istat, min-naħa l-oħra l-inizjattiva ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet ma tirriżultax direttament mill-Istat, imma mill-għażla tan-negozjanti li jaderixxu għall-organu ekoloġiku [56].

93. It-tieni nett, f'dak li jikkonċerna l-allokazzjoni esklużiva tal-fondi għall-għanijiet iffissati mill-awtorità pubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li, għalkemm dan huwa wieħed mill-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati [57], dan ma huwiex fih innifsu suffiċjenti, waħdu, sabiex jiġi konkluż li l-Istat jista' jiddisponi minnhom, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet [58]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-prinċipju legali ta' allokazzjoni esklużiva tal-fondi inkwistjoni pjuttost juri, fl-assenza ta' kwalunkwe element ieħor fis-sens kuntrarju, preċiżament li l-Istat ma huwiex f'pożizzjoni li jiddisponi minn dawn il-fondi, jiġifieri li jiddeċiedi allokazzjoni differenti minn dik prevista mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [59].

94. It-tielet nett, f'dak li jikkonċerna l-livell ta' awtonomija li minnha jgawdi l-organu ekoloġiku fuq il-fondi, f'dan il-każ, ma jistax ikun hemm dubju li l-Istat igawdi pussess ċert fuq il-fluss finanzjarju relattiv għal dawn il-fondi. Fil-fatt, meta jiddetermina l-"iskala output", huwa jeżerċita influwenza determinanti fuq l-ammont tal-għajnuna finanzjarja li titħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart. Barra minn hekk, l-"iskala input", li tiddetermina l-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu min-negozjanti lill-organu ekoloġiku, tiddependi ħafna fuq dawn l-ammonti, billi l-organu ekoloġiku għandu jeżerċita l-attivitajiet li għalihom huwa rċieva l-awtorizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru.

53 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 75).

54 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 38).

55 U mhux iffissati mill-entità distinta nnifisha, bħal fil-kawżi Pearle u Doux Élevage (ara l-punti 64 u 83 iktar 'il fuq).

56 Ovvjament, din il-kunsiderazzjoni hija influwenzata minn eventwali konstatazzjoni tan-natura *de facto* obbligatorja tal-kontribuzzjonijiet kif jissemma fil-punt 79 iktar 'il fuq. Fil-fatt, għalkemm il-kontribuzzjonijiet huma *de facto* obbligatorji, allura għandu jkun possibbli li jiġi kkunsidrat li l-inizjattiva tal-ħlas ma hijiex ir-riżultat ta' għażla libera tal-impriżi.

57 F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punti 69) u tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 66).

58 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 76).

59 Ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268).

95. Madankollu, fl-osservazzjonijiet li ppreżenta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Franċiż ippreżenta sensiela ta' elementi li jidhru li juru ċertu livell ta' awtonomija li minnha, fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni, igawdi l-organu ekoloġiku, partikolarment fir-rigward tal-fondi.

96. Għalhekk, l-iskala input tiġi ffissata mill-organu ekoloġiku nnifsu u din ma hijiex ivvalidata mill-awtorità pubblika, imma hija suġġetta esklużivament għal sempliċi dmir ta' informazzjoni. Issa, kif ser nuri, l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet input iffissati f'din l-iskala jiddependu ħafna fuq l-ammont ta' għajnuna mħallsa lill-operaturi li jqassmu l-iskart kif iddeterminat fl-iskala output. Barra minn hekk, l-organu ekoloġiku għandu jaġġusta l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet li huwa jirċievi mingħand negozjanti għal-livell strettament neċessarju sabiex l-obbligi tiegħu jiġu ssodisfatti [60]. Minkejja dan, jidher li l-ammont tal-għajnuna finanzjarja ma huwiex l-uniku fattur li jinfluwenza d-determinazzjoni tal-iskala input, għaliex il-kontribuzzjonijiet input jiddependu wkoll, fil-fatt, fuq elementi oħra li fuqhom, skont il-Gvern Franċiż, l-organu ekoloġiku għandu l-pussess, bħal ma huma l-ispejjeż tal-immaniġġar tiegħu, kif ukoll l-aġġustament tal-iskala skont kriterji ta' ppjanar ekoloġiku [61].

97. Il-Gvern Franċiż isostni wkoll li l-organu ekoloġiku awtorizzat għandu wkoll rwol predominanti fid-determinazzjoni tal-iskala output. Fil-fatt, din l-iskala tikkorrispondi għall-ispejjeż netti medji tat-tqassim tal-iskart li għandhom jiġu ddeterminati, mill-awtorità pubblika, fuq il-bażi tal-proposti li jinsabu fil-karta tal-bilanċ annwali tal-Osservatorju ambjentali, ekonomiku u soċjali responsabbli għat-tqassim tal-iskart u tal-irkupru tal-iskart ta' TBŻ stabbilit mill-organu ekoloġiku awtorizzat [62].

98. Huwa wkoll rilevanti li jiġi nnotat li, f'dak li jikkonċerna l-eliġibbiltà għall-iffirmar ta' kuntratt mal-organu ekoloġiku tal-operaturi li jqassmu l-iskart, li, wara kollox, ikunu l-benefiċjarji ta' eventwali għajnuna mill-Istat, l-ispeċifikazzjonijiet annessi mad-digriet tal-2014, jiddeterminaw kriterji ta' eliġibbiltà li dawn l-operaturi għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jiġu aċċettati [63]. Madankollu, il-Gvern Franċiż jargumenta li l-organu ekoloġiku jista' jżid huwa stess kriterji ta' eliġibbiltà, li huwa kien għamel meta introduċa kriterju ta' daqs tal-operatur li jqassam l-iskart kif ukoll obbligi kuntrattwali oħra li dawn l-operaturi għandhom jissodisfaw. Jidher ukoll li, kuntrarju għal dak li kien il-każ fis-sistemi eżaminati f'kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet in-natura ta' riżorsi tal-Istat tal-fondi inkwistjoni [64], f'dan il-każ, l-entità tgawdi minn ċerta marġni ta' awtonomija fid-determinazzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna finanzjarja mħallsa.

99. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, *in concreto*, dawn l-elementi kollha li jissemmew mill-Gvern Franċiż verament jagħtux marġni ta' awtonomija ċert lill-organu ekoloġiku fir-rigward tal-fondi, li huwa suffiċjenti sabiex jiġi eskluż li l-awtorità pubblika tgawdi minn setgħa li tmexxi u tinfluwenza l-amministrazzjoni tal-fondi.

100. Ir-raba' nett, f'dak li jikkonċerna l-livell ta' kontroll li l-awtoritajiet pubbliċi jeżerċitaw fuq l-organu ekoloġiku, dan jiġi żvolt f'żewġ fażijiet. Fil-livell tal-għoti tal-awtorizzazzjoni, dan il-kontroll jidher li huwa pjuttost approfondit, sa fejn sabiex jikseb din l-awtorizzazzjoni l-organu ekoloġiku għandu jkun fil-pożizzjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi kollha stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet. Imbagħad, hekk kif jirriżulta mill-punti 18, 26, 36 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan il-kontroll jiġi eżegwit essenzjalment bil-parteċipazzjoni taċ-ċensur tal-Istat għal-laqgħat tal-bord tad-diretturi tal-organu ekoloġiku awtorizzat u fl-obbligi ta' informazzjoni minnu lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex ikunu jistgħu jikkontrollaw l-osservanza tar-rekwiżiti marbuta mas-sistema ta' responsabbiltajiet estiżi tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ.

60 Ara l-Artikolu L-543-215 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent.

61 Ara l-punt C.4 tal-Kapitolu III tal-ispeċifikazzjonijiet.

62 Punt D tal-Kapitolu VI tal-ispeċifikazzjonijiet.

63 Punt B tal-Kapitolu VI tal-ispeċifikazzjonijiet. Ara l-punti 20 u 128 u 129 ta' dawn il-konklużjonijiet.

64 Pereżempju, fis-sistema inkwistjoni fil-kawża Achema, l-Istat kien approva l-isem tal-benefiċjarji tal-għajnuna (Ara s-sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punti 60 u 87).

101. F'dan ir-rigward, ninnota, minn naħa, li, hekk kif ir-Relatur Pubbliku nnota fil-konklużjonijiet tiegħu li jikkonċernaw il-kawża pendenti quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat)[65], ċertament dan il-kontroll ma jixbahx tutela fuq stabbiliment pubbliku jew is-setgħat li sehem importanti fil-kapital ta' kumpannija jagħti. Fil-fatt, f'każ ta' avviż miċ-ċensur, l-Istat igawdi biss mis-setgħat tiegħu ta' sorveljanza u ta' sanzjonijiet li jista' jimponi, jekk ikun hemm ksur tal-leġiżlazzjoni.

102. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi nnotat ukoll li d-dritt tal-Unjoni nnifsu, b'mod partikolari d-Direttiva 2008/98, jimponi fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu qafas xieraq ta' monitoraġġ u infurzar tal-applikazzjoni tas-sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur[66].

c) Fuq l-eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta bejn il-vantaġġ inkwistjoni u tnaqqis, tal-inqas potenzjali, tal-baġit tal-Istat

103. Hekk kif ġie rrilevat fil-punt 60 iktar 'il fuq, sabiex jiġi stabbilit jekk vantaġġ mogħti lil benefiċjarju direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat jew jikkostitwixxi piż supplimentari fuq l-Istat, jew piż fuq il-baġit tal-Istat, għandu jiġi vverifikat jekk teżistix rabta suffiċjentement diretta bejn, minn naħa, dan il-vantaġġ u, min-naħa l-oħra, tnaqqis ta' dan il-baġit, jew riskju ekonomiku suffiċjentement konkret ta' piżijiet fuqu.

104. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li ma huwiex neċessarju li tali tnaqqis, jew anki tali riskju, jikkorrispondi jew ikun ekwivalenti għal dan il-vantaġġ, la li dan tal-aħħar ikollu bħala korrispettiv tali tnaqqis jew tali riskju, u lanqas li jkun tal-istess natura bħall-impenn tar-riżorsi tal-Istat minn fejn jirriżulta[67]. Madankollu huwa neċessarju li tal-inqas jeżisti riskju suffiċjentement konkret tat-twettiq, fil-futur, ta' piż supplimentari għall-Istat[68].

105. Madankollu, f'dan il-każ, ma jidhirx minn informazzjoni fil-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja li teżisti rabta bejn, minn naħa, il-vantaġġ, li huwa kkostitwit mill-ħlas tal-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart u, min-naħa l-oħra, tnaqqis tal-baġit tal-Istat, jew riskju ekonomiku suffiċjentement konkret ta' piżijiet fuqu.

106. F'dan ir-rigward, ninnota, l-ewwel nett, li l-kontribuzzjonijiet input imħallsa min-negozjanti lill-organu ekoloġiku ma għandhomx natura li hija assimilata għal dik ta' taxxa jew ta' impożizzjoni. Dawn ma humiex kontribuzzjonijiet unilateralment imposti mil-liġi li dawn in-negozjanti huma obbligati li jħallsu[69].

107. Fuq dan il-punt huwa rilevanti li jiġi nnotat li, hekk kif diġà ġie rrilevat[70], il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) innifsu ppreċiża fil-ġurisprudenza tiegħu, minkejja li fir-rigward ta' sistemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi fl-industriji l-oħra minbarra dik tal-prodotti TBŻ, li l-kontribuzzjonijiet imħallsa lil organu ekoloġiku jikkostitwixxu korrispettiv dirett għal servizz mogħti u minħabba f'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala ħlas assimilabbli għal impożizzjoni jew għal taxxa stabbilita mill-awtorità pubblika.

65 Ara l-konklużjonijiet tar-Relatur Pubbliku, L. Dutheillet de Lamothe, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40 iktar 'il fuq.

66 Ara l-Artikolu 8a(5) tad-Direttiva 2008/98. F'dan ir-rigward għandu madankollu jiġi nnotat ukoll li, billi din id-dispożizzjoni ġiet introdotta bid-Direttiva (UE) 2018/851, din ma hijiex inkwantu tali applikabbli *rationae temporis* għall-kawża inkwistjoni quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

67 Sentenza tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 110).

68 Sentenza tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 106). F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 1998, Ecotrade (C-200/97, EU:C:1998:579, punt 41).

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punti 45 sa 47 u 66), u tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 68).

70 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12 ta' dawn il-konklużjonijiet kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) li tissemma hemmhekk.

108. Fit-tieni lok, mill-proċess ma jirriżultax li jeżisti mekkaniżmu stabbilit u rregolat mill-Istat Membru ta' kumpens għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu tat-twettiq tat-trattament tal-iskart li jirriżulta minn prodotti TBŻ li għalih l-Istat jiggarantixxi lin-negozjanti li jkopri dawk l-ispejjeż kollha, bħalma kien il-każ pereżempju f'kawżi oħra deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja [71]. Il-mekkaniżmu lanqas ma jobbliga lil dawk in-negozjanti li jgħaddu fuq il-klijenti finali l-ispejjeż imħallsa bħala kontribuzzjonijiet lill-organu ekoloġiku [72].

109. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet isegwi li, abbażi tal-informazzjoni li tinsab fil-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, jidher li l-mekkaniżmu inkwistjoni ma jimplikax li l-Istat qiegħed jirrinunzja għal xi riżorsi, taħt kwalunkwe titolu, bħal ma huma imposti, taxxi, kontribuzzjonijiet jew oħrajn, li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, kellhom jitħallsu lill-baġit tal-Istat [73] u li, għalhekk, dan ma jistax iċaħħad lit-teżor tal-Istat Membru minn ċertu dħul ta' likwidità u, għaldaqstant, li jitnaqqas il-baġit tiegħu [74]. Min-naħa l-oħra, dan il-mekkaniżmu lanqas ma jidher li jiġġenera riskju suffiċjentement konkret tat-twettiq, fil-futur, ta' piż supplimentari għall-Istat.

d) Konklużjoni fuq il-klassifika ta' "riżorsi tal-Istat" tal-fondi utilizzati minn organu ekoloġiku sabiex iħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni

110. Bħala konklużjoni, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jiena propens li nikkunsidra li l-fondi li organu ekoloġiku bħalma huwa Eco TLC jutilizza, b'applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiża tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ, sabiex iħallas l-għajnuna finanzjarja lill-operaturi li jqassmu l-iskart ma jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat.

111. Hekk kif ġie rrilevat fil-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet, madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, li għandha għad-dispożizzjoni tagħha d-data u l-informazzjoni fattwali l-oħra kollha neċessarji sabiex twettaq analiżi komplet, li tieħu deċiżjoni finali fuq dan il-punt. Għal dan l-għan hija ser ikollha, b'mod partikolari, tivverifika, fuq il-bażi ta' indikazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tipprovdilha, l-ewwel nett, jekk il-kontribuzzjonijiet tan-negozjanti ta' prodotti TBŻ lil Eco TLC għandhomx natura *de facto* obbligatorja, it-tieni nett, jekk, minkejja li dawn ikunu amministrati minn Eco TLC, il-fondi inkwistjoni, minħabba l-assenza ta' awtonomija ta' Eco TLC fuq dawn il-fondi u tal-portata tas-setgħat tal-awtoritajiet pubbliċi ta' kontroll eżerċitati fuqha, għandhomx jiġu kkunsidrati li jibqgħu madankollu kontinwament taħt il-kontroll pubbliku u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, it-tielet nett, jekk teżistix rabta suffiċjentement diretta bejn il-vantaġġ inkwistjoni u tnaqqis, tal-inqas potenzjali, tal-baġit tal-Istat.

D. Fuq l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku

112. Fost il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet, issa ser ngħaddi għall-analiżi tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku.

71 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 26 u 36), kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 71). F'dan ir-rigward, ara wkoll is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 30), u tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 84).

72 Ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 70).

73 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 32).

74 F'dan is-sens, ara s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-279/08 P, EU:C:2011:551, punt 107); tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia (C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 48); kif ukoll tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 28).

113. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat l-interventi li, taħt kwalunkwe forma li tkun, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament l-impriżi, jew li għandhom jiġu kkunsidrati bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq [75].

114. Għalhekk, huma kkunsidrati bħala għajnuniet l-interventi li, taħt diversi forom, itaffu l-piżijiet normalment imposti fuq il-baġit ta' impriża u li, minħabba dan il-fatt, mingħajr ma huma sussidji fit-tifsira stretta tal-kelma, huma tal-istess natura u għandhom l-istess effett [76]. Jeżisti vantaġġ meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża titjieb minħabba intervent tal-Istat imwettaq taħt kundizzjonijiet differenti mill-kundizzjonijiet normali tas-suq [77].

115. F'dan il-każ, abbażi tal-elementi li jirriżultaw mill-proċess disponibbli lill-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li l-għajnuna finanzjarja differenti li Eco TLC tħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart li għamlu ftehim magħha ma tikkorrispondix neċessarjament għall-prezz tas-suq għat-tqassim tal-iskart u r-riċiklaġġ tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti TBŻ [78].

116. Għalhekk, kif irrilevat il-Kummissjoni, l-ewwel nett, l-għan li għandu jintlaħaq mill-għajnuna lill-operaturi li jqassmu l-iskart ma jidhirx li huwa l-pagament ta' prezz għal servizz mogħti, iżda huwa intiż, hekk kif jirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet [79], "fl-istess waqt li jirrendi l-industrija ta' mmaniġġar ta' dan l-iskart sostenibbli, billi jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' dan l-immaniġġar, u li jiżviluppa r-rendiment, f'termini kemm taż-żieda fil-kwantitajiet ta' tunnellaġġ ta' skart imqassam u tat-tnaqqis massimu tal-iskart mormi mhux irkuprat". Għaldaqstant l-għajnuna finanzjarja tfittex prinċipalment għan ta' natura ambjentali, jiġifieri dak li tiskoraġġixxi r-rimi tal-iskart li jirriżulta minn TBŻ mingħajr ma jkun irkuprat. Din l-għajnuna tfittex wkoll l-għan, ta' natura soċjali, li tiffavorixxi l-impriżi li jiffavorixxu iktar l-impjieg ta' persuni b'diffikultà ta' inserzjoni fis-suq tax-xogħol.

117. It-tieni nett, il-formuli tal-kalkolu tal-għajnuna li jinsabu fl-ispeċifikazzjonijiet ma humiex ibbażati fuq l-ispejjeż tas-servizz tat-tqassim tal-iskart u ta' riċiklaġġ [80]. Huma ma jieħdux inkunsiderazzjoni la l-ispejjeż tas-servizz, u lanqas il-prezz tas-suq. Għall-kuntrarju, il-kalkolu huwa bbażat fuq l-attività globali tal-operatur u jieħu inkunsiderazzjoni fatturi oħra li jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku.

118. Hekk, pereżempju, is-sostenn għall-iżvilupp huwa suppliment għall-għajnuna u għas-sostenibbiltà u jfittex, fost oħrajn, li jieħu r-responsabbiltà tal-investimenti mwettqa mill-organi responsabbli għall-għat-tqassim tal-iskart għall-ħolqien ta' ċentri ġodda ta' tqassim tal-iskart, jew għal estensjonijiet. It-teħid tar-responsabbiltà għal dawn l-investimenti, mingħajr riferiment għal korrispettiv għal Eco TLC, jidher li verament jagħti vantaġġ ekonomiku lin-negozjanti li jqassmu l-iskart li għamlu ftehim miegħu.

119. Barra minn hekk, l-ispejjeż marbuta mar-remunerazzjoni tal-impjegati huma, min-natura tagħhom, piż fuq il-baġit tal-impriżi, billi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-teħid ta' responsabbiltà tagħhom jikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku [81]. Għalhekk, it-teħid tar-responsabbiltà tal-ispejjeż għall-impjieg ta' persuni b'diffikultajiet soċjali jista' wkoll jikkostitwixxi vantaġġ bħal dan.

75 Sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-6 ta' Marzu 2018, Il-Kummissjoni vs FIH Holding u FIH Erhvervsbank (C-579/16 P, EU:C:2018:159, punt 44); kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Sentenzi tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 101), kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 66).

77 Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post (C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 40), u tas-7 ta' Mejju 2020, BTB Holding Investments u Duferco Participations Holding vs Il-Kummissjoni (C-148/19 P, EU:C:2020:354, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Fl-istess sens, ara l-konklużjonijiet tar-Relatur Pubbliku, L. Dutheillet de Lamothe, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

79 Punt C tal-Kapitolu VI.

80 Ara l-punti 20 u 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

81 Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-5/01, EU:C:2002:754, punti 38 u 39).

120. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jidher li, minħabba l-formula ta' kalkolu utilizzata sabiex tiġi ddeterminata l-għajnuna finanzjarja u t-teħid inkunsiderazzjoni għal dan l-għan, ta' fatturi oħra minbarra l-ispejjeż marbuta mal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ u ta' trattament tal-iskart inkwistjoni, din l-għajnuna finanzjarja, li Eco TLC tħallas lill-operaturi li jqassmu l-iskart skont il-mekkaniżmu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' tiġi kkunsidrata, bla ħsara għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, bħala li tagħti vantaġġ ekonomiku lil dawn l-operaturi, li huma ma kienx ikollhom li kieku kienu tqiegħdu f'sitwazzjoni pura tas-suq [82].

E. Fuq is-selettività tal-vantaġġ ekonomiku mogħti lill-organi li jqassmu l-iskart li għamlu ftehim

121. F'dak li jikkonċerna l-kundizzjoni tas-selettività, għandu jitfakkar li, sabiex taqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFUE, il-miżura inkwistjoni għandha tagħti l-vantaġġ b'mod selettiv lil ċerti impriżi jew kategoriji ta' impriżi jew lil ċerti setturi ekonomiċi billi tqegħedhom f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn oħrajn [83].

122. L-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività tal-vantaġġ timponi li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, il-miżura nazzjonali inkwistjoni hijiex ta' natura li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti [produzzjonijiet]" meta mqabbla ma' oħrajn, li, fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq mill-imsemmija sistema, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli u li għaldaqstant jirċievu trattament iddifferenzjat li essenzjalment jista' jiġi kklassifikat bħala "diskriminatorju" [84]. Il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" ma jkoprix il-miżuri tal-Istat li jintroduċu differenzjazzjoni bejn impriżi u, għaldaqstant, *a priori* selettivi, meta din id-differenzjazzjoni tirriżulta min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema li fiha dawn isiru [85].

123. L-eżami tal-kwistjoni ta' jekk tali miżura hijiex ta' natura selettiva għaldaqstant jikkoinċidi, essenzjalment, ma' dak tal-kwistjoni jekk din il-miżura tapplikax għal dan il-grupp sħiħ ta' operaturi ekonomiċi b'mod nondiskriminatorju. Għalhekk il-kunċett ta' selettività huwa marbut ma' dak ta' diskriminazzjoni [86].

124. Issa, għalkemm huwa minnu, kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, li l-miżura hija riżervata għall-operaturi li jqassmu l-iskart tas-settur TBŻ, madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li miżura li minnha jibbenefika biss settur ta' attività jew parti mill-impriżi ta' dan is-settur ma hijiex neċessarjament selettiva. Hija tkun selettiva biss, fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fiż-żewġ punti preċedenti, jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, hija jkollha l-effett li tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jappartjenu lil setturi oħra jew lill-istess settur u li, fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq minn din is-sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli [87].

82 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Il-Kummissjoni vs FIH Holding u FIH Erhvervsbank (C-579/16 P, EU:C:2018:159, punt 45). F'dan l-istess sens, ara l-konklużjonijiet tar-Relatur Pubbliku, L. Dutheillet de Lamothe, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

83 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2015, Il-Kummissjoni vs MOL, C-15/14 P, EU:C:2015:362, punt 59), u tat-30 ta' Ġunju 2016, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-270/15 P, EU:C:2016:489, punt 48).

84 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 84). Huwa fatt magħruf li din il-ġurisprudenza ssegwi s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2001, Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke (C-143/99, EU:C:2001:598; ara, speċifikament, punt 41) dwar it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija mogħtija fl-Awstrija lill-impriżi li jeżerċitaw prinċipalment l-attività tagħhom fis-settur tal-manifattura. Hija ġiet imbagħad ikkonfermata fil-qasam fiskali f'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fl-Awla Manja, jiġifieri s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 86), u tad-19 ta' Diċembru 2018, A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punt 22). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat espressament li dan il-metodu ma kienx riżervat għall-eżami ta' miżuri fiskali (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 55)). Għalhekk, il-qrati tal-Unjoni utilizzaw dan il-metodu ta' analiżi f'oqsma oħra minbarra dak fiskali; minbarra l-aħħar sentenza msemmija, ara, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Lulju 2011, Mediaset vs Il-Kummissjoni (C-403/10 P, EU:C:2011:533, punt 36), u tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech (C-518/13, EU:C:2015:9, punt 55 *et seq.*).

85 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 53).

87 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 58).

125. F'dan il-każ, sabiex tiġi stabbilita n-natura selettiva tal-eventwali vantaġġ mogħti lill-operaturi li jqassmu l-iskart li magħhom ikun sar ftehim, għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk il-mekkaniżmu inkwistjoni jintroduċix differenzjazzjonijiet bejn operaturi li jkunu jinsabu, fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli [88].

126. Qabelxejn, fir-rigward tal-mekkaniżmu nazzjonali li jipprevedi r-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-immaniġġar tal-iskart li jirriżulta minn prodotti TBŻ, għandu jiġi rrilevat li l-għan prinċipali ta' dan il-mekkaniżmu huwa li jirrendi sostenibbli u li jiżviluppa industrija tal-immaniġġar tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti li tiffavorixxi, b'mod partikolari u konformement mal-ġerarkija tal-metodi ta' trattament tal-iskart iddefinit bid-Direttiva 2008/98 [89], l-irkupru materjali tiegħu, jiġifieri, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tiegħu [90].

127. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-punti 4 u 7 sa 9 ta' dawn il-konklużjonijiet, minn naħa, id-dritt tal-Unjoni nnifsu jipprevedi l-introduzzjoni ta' sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi u, min-naħa l-oħra, l-għan primarju tal-mekkaniżmu inkwistjoni jikkoinċidi mal-għan tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-iskart u, b'mod iktar ġenerali, mal-għan primarju tal-Unjoni li tippromwovi żvilupp sostenibbli. F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż fl-osservazzjonijiet tiegħu speċifika li huwa proprju sabiex jissodisfa l-għanijiet u l-obbligazzjonijiet iffissati bid-Direttiva 2008/98 li l-leġiżlatur Franċiż introduċa l-kuntest leġiżlattiv u regolamentarju inkwistjoni.

128. Imbagħad, jekk il-mekkaniżmu inkwistjoni ma huwiex ippreżentat bħala formalment derogatorju għal kuntest ġuridiku ta' riferiment partikolari, xorta għandu l-effett li jeskludi mill-ħlas ta' għajnuna finanzjarja l-operaturi li jqassmu l-iskart li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet li huma determinati fil-kuntest ta' dan il-mekkaniżmu [91]. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 107(1) TFUE jiddefinixxi l-interventi tal-Istat fid-dawl tal-effetti tagħhom, irrispettivament mit-tekniki utilizzati [92].

129. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż *a priori* li dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiffavorixxi, fil-prattika, "ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, billi jikkonferixxilhom din l-għajnuna finanzjarja.

130. F'dan ir-rigward, madankollu, jirriżulta mill-proċess disponibbli lill-Qorti tal-Ġustizzja li, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, il-possibbiltà ta' stipulazzjoni ta' ftehim mal-organu ekoloġiku u għaldaqstant li jirċievu l-għajnuna finanzjarja prevista mill-mekkaniżmu inkwistjoni tidher li hija miftuħa lill-operaturi kollha tas-settur preżenti fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea.

131. Għaldaqstant jidher li, fil-prinċipju, il-mekkaniżmu inkwistjoni ma jwassal għal ebda diskriminazzjoni bejn l-operaturi tas-settur dwar l-aċċessibbiltà għall-għajnuna finanzjarja prevista mill-mekkaniżmu inkwistjoni.

132. Madankollu, sabiex operatur li jqassam l-iskart ikun jista' jagħmel ftehim mal-organu ekoloġiku u għaldaqstant ikun eliġibbli sabiex jirċievi l-għajnuna finanzjarja, l-ispeċifikazzjonijiet jipprevedu li għandu jissodisfa żewġ tipi ta' kundizzjonijiet [93]. L-ewwel nett, għandu josserva l-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u ta' sigurtà tal-istallazzjonijiet ta' tranżitu, ħżin, tqassim u

88 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech (C-518/13, EU:C:2015:9, punt 56.

89 Ara l-premessa 31 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98.

90 Il-mekkaniżmu huwa intiż ukoll sabiex jimmassimizza l-immaniġġar ta' dan l-iskart fuq il-livelli kemm ambjentali, ekonomiku u soċjali. F'dan ir-rigward, ara l-preambolu tad-digriet tal-2014.

91 Il-Qorti tal-Ġustizzja utilizzat metodu ta' analiżi analogu, għalkemm fir-rigward ta' miżura nazzjonali li tikkonferixxi vantaġġ fiskali, fis-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-233/16, EU:C:2018:280; speċifikament, punt 46 *et seq.*).

92 Sentenzi tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-233/16, EU:C:2018:280, punt 47), u tas-7 ta' Novembru 2019, UNESA *et* (C-105/18 sa C-113/18, EU:C:2019:935, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 Ara punt B tal-Kapitolu VI.

trattament tal-iskart, jew leġiżlazzjoni ekwivalenti fil-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni Ewropea. It-tieni nett, iċ-ċentri tiegħu għat-tqassam tal-iskart għandhom josservaw, kull sena, kriterji ta' rendiment u traċċabbiltà, li l-iskop tagħhom huwa li jiġi promoss b'mod prijoritarju l-irkupru materjali (użu mill-ġdid, riċiklaġġ, u tipi oħra ta' rkupru materjali).

133. B'mod partikolari, skont l-ispeċifikazzjonijiet, l-ewwel nett, tal-inqas 90 % tal-iskart TBŻ imqassam għandu jkun is-suġġett ta' rkupru materjali (użu mill-ġdid, riċiklaġġ, u tipi oħra ta' rkupru materjali), it-tieni nett, tal-inqas 20 % tal-iskart imqassam għandu jkun is-suġġett ta' riċiklaġġ (tqassim u/jew tindif), sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' dan il-ħruġ b'żieda mal-użu mill-ġdid, u, it-tielet nett, sa massimu ta' 5 % tal-iskart jista' jkun is-suġġett ta' rimi.

134. F'dan ir-rigward, ma jistax ikun ikkontestat li dawn il-kundizzjonijiet, oġġettivi, sa fejn huma intiżi sabiex jiffavorixxu b'mod importanti l-irkupru materjali u speċifikament ir-riċiklaġġ, kif ukoll sabiex jiskoraġġixxu r-rimi tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti TBŻ mingħajr ma jkun irkuprat, huma koerenti mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-iskart u ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, imsemmija fil-punti 122 u 123 iktar 'il fuq, li tagħha l-leġiżlazzjoni Franċiża li ħolqot il-mekkaniżmu inkwistjoni tikkostitwixxi l-implimentazzjoni [94].

135. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-previżjoni ta' dawn il-kriterji twassal sabiex tiddistingwi operaturi li ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu bil-leġiżlazzjoni li stabbilixxiethom [95].

136. Operaturi responsabbli għat-tqassim tal-iskart li l-kapaċità teknika jew l-istruttura organizzattiva tagħhom ma jippermettulhomx li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet jinsabu f'sitwazzjoni fattwali suffiċjentement differenti sabiex titqies li ma hijiex komparabbli, fir-rigward ta' dawn l-għanijiet, minn dik tal-operaturi li, għall-kuntrarju, huma f'qagħda li jissodisfawhom. Għalhekk, għalkemm ma jistax ikollhom aċċess għall-għajnuna finanzjarja prevista bil-mekkaniżmu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dawn l-operaturi ma jsofrux trattament iddifferenzjat li jista' essenzjalment jiġi kklassifikat bħala "diskriminatorju".

137. Isegwi li l-mekkaniżmu inkwistjoni ma jikkonferixxix vantaġġ ekonomiku selettiv lill-operaturi li jqassmu l-iskart li, billi jkunu f'qagħda li josservaw il-kriterji oġġettivi stabbiliti f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet, jistgħu jiġu miftiehma mal-organu ekoloġiku u għalhekk ikollhom aċċess għall-għajnuna finanzjarja.

138. F'dan ir-rigward, għandi madankollu nirrileva mill-ġdid li, kif ġie nnotat fil-punt 98 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidher li, fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni, l-organu ekoloġiku nnifsu jista' jipprevedi kriterji supplimentari li l-operaturi li jqassmu l-iskart għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jiftehmu miegħu. F'dan il-kuntest, huwa rilevanti li jiġi nnotat li l-ispeċifikazzjonijiet jipprevedu li huwa l-organu ekoloġiku li jiddefinixxi fit-talba tiegħu għal awtorizzazzjoni u fil-ftehim standard konkluż bejnu u bejn l-operaturi li jqassmu l-iskart il-modalitajiet tat-traċċabbiltà input tal-iskart magħżul.

139. Issa, billi l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni suffiċjenti dwar dawn l-elementi, għandha tkun il-qorti tar-rinviju li tevalwa jekk dawn il-kundizzjonijiet jagħtux lok għal trattament iddifferenzjat li jista', essenzjalment, fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq mis-sistema inkwistjoni, jiġi kklassifikat bħala "diskriminatorju".

94 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-233/16, EU:C:2018:280; speċifikament il-punt 53). F'dan ir-rigward, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 91 ta' dawn il-konklużjonijiet.

95 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-233/16, EU:C:2018:280, punt 55). F'dan ir-rigward, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 91 ta' dawn il-konklużjonijiet.

F. Fuq l-effett tal-miżura fuq il-kompetizzjoni u fuq l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

140. Fir-rigward taż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra msemmija fil-punt 41 iktar 'il fuq, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għall-fini ta' klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala "għajnuna mill-Istat", jeħtieġ, mhux li jkun stabbilit li l-għajnuna inkwistjoni jkollha effett reali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, iżda biss li jkun eżaminat jekk dik l-għajnuna tkunx tista' tolqot dan il-kummerċ u toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni [96].

141. Madankollu, l-impatt negattiv fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ma jistax ikun purament ipotetiku jew preżunt. B'hekk, għandha tiġi ddeterminata r-raġuni għalfejn il-miżura inkwistjoni tista' taffettwa, permezz tal-effetti prevedibbli tagħha, il-kummerċ bejn l-Istati Membri [97].

142. F'dan ir-rigward, f'dak li jikkonċerna l-kundizzjoni bbażata fuq id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, għandu jiġi rrilevat li għalkemm il-mekkaniżmu inkwistjoni jikkonferixxi vantaġġ lill-operaturi li jqassmu l-iskart li magħhom ikun sar ftehim li dawn ma jkollhomx f'kundizzjonijiet normali tas-suq u li jista' jikkumpensa ż-żejjed l-ispejjeż marbuta mal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ u ta' trattament tal-iskart inkwistjoni, dan il-vantaġġ ikun ta' natura li jsaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva ta' dawn l-operaturi fil-konfront ta' impriżi kompetituri oħra. Għalhekk ma jidhirx li hemm dubji li din il-kundizzjoni għandha titqies bħala ssodisfatta.

143. F'dak li jikkonċerna l-kundizzjoni dwar l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-għajnuna finanzjarja taffettwa biss l-iskart ta'oriġini Franċiża. Hekk, skont il-mekkaniżmu, l-operaturi li jqassmu l-skart li jkunu għamlu ftehim huma inċentivati sabiex jieħdu responsabbiltà biss tal-merkanzija Franċiża, b'dannu għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni. Min-naħa l-oħra, għalkemm il-ftehim ma' Eco TLC huwa prerekwiżit għal dħul fis-suq Franċiż ta' tqassim ta' skart u ta' riċiklaġġ tal-iskart li jirriżulta mill-prodotti TBŻ, din iċ-ċirkustanza tista' tirrendi iktar diffiċli li l-operaturi ta' Stati Membri jidħlu f'dan is-suq. F'dawn il-kundizzjonijiet, jien inqis li l-mekkaniżmu inkwistjoni jista' jiġi kkunsidrat bħala li jista' jaffettwa, minħabba l-effetti prevedibbli tiegħu, il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

IV. Konklużjoni

144. Fid-dawl tal-konklużjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza):

1) L-Artikolu 107 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li mekkaniżmu fil-qasam ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-immaniġġar tal-iskart bħal dak previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, li permezz tiegħu organu ekoloġiku privat mingħajr skop ta' lukru, li għandu awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi, jiġbor mingħand negozjanti ta' kategorija partikolari ta' prodotti li jiffirmaw ftehim miegħu f'dan ir-rigward kontribuzzjonijiet bħala korrispettiv tas-servizz fejn iwettaq f'isimhom it-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawn il-prodotti, u jħallas lil operaturi responsabbli mit-tqassim tal-iskart u tal-irkupru ta' dak l-iskart sussidji f'ammont stabbilit fl-awtorizzazzjoni fid-dawl ta' għanijiet ambjentali u soċjali, ma għandux, fil-prinċipju, jitqies bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2) Madankollu hija l-qorti tar-rinviju, li għandha għad-dispożizzjoni tagħha data u informazzjoni fattwali oħra neċessarji sabiex twettaq analiżi kompleta dwar il-possibbiltà li l-mekkaniżmu inkwistjoni jiġi kklassifikat bħala "għajnuna mill-Istat", li għandha tivverifika, l-ewwel nett, jekk il-kontribuzzjonijiet ta' dawn in-negozjanti ta' prodotti lill-organu ekoloġiku għandhomx natura

96 Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Arriva Italia *et* (C-385/18, EU:C:2019:1121, punt 42).

97 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

de facto obbligatorja, it-tieni nett, jekk, minkejja li jkunu amministrati mill-organu ekoloġiku, minħabba l-assenza ta' awtonomija tiegħu fuq il-fondi inkwistjoni u tal-portata tal-awtoritajiet pubbliċi ta' kontroll eżerċitati fuqu, dawn il-fondi għandhomx jiġu kkunsidrati li jibqgħu xorta waħda kostantement taħt kontroll pubbliku u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, it-tielet nett, jekk teżistix rabta suffiċjentement diretta bejn il-vantaġġ inkwistjoni u tnaqqis, tal-inqas potenzjali, tal-baġit tal-Istat u, ir-raba' nett, jekk il-kriterji supplimentari li l-organu ekoloġiku nnifsu jista' jistabbilixxi u li għandhom jiġu ssodisfatti mill-operaturi li jqassmu l-iskart sabiex jiġu miftiehma miegħu jagħtux lok għal trattament iddifferenzjat li jista', essenzjalment, fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq mis-sistema inkwistjoni, jiġi kklassifikat bħala "diskriminatorju".